**27 ta' Settembru, 1985**

**Imħallef:-**

**L-Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Paul Mifsud, John Fenech, Alfred *sive* Freddie Borg, Mario Bonavia u Gregory Brincat.

***Differenza bejn ir-Reat ta'Attruppament u dak ta' Rewwixta* - Artikoli 68 u 79 tal-Kodiċi Kriminali - Provokazzjoni**

*Fejn il provokazzjoni mhiex kontemplata bħala skużanti fil-liġi, din ma tistax titqies bħala parti mis-sejbin tar-reità.*

*Il-'medesimo fatto' jista' iwassal kemm għar-reat ta' l-attruppament kif ukoll għar-reat ta' rewwixta.*

*Il-kriterju determinanti li jiddistingu dawn iż-żewġ reati hu l-potenzjalità ta' twerwir u biża' fost in-nies.*

*Għoxrin min-nies miġbura bil-ħsieb li jwaqqfu bil-mod l-aktar paċifiku fi triq prinċipali ikunu ħatja ta' attruppament . Ikun hemm ukoll rewwixta jekk huma in aġġunta mal-ħsieb li jikkommettu dak ir-reat, jinġemgħu ukoll taħt tali ċirkustanzi li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies.*

*It-twemmin u l-biża' rikjesti għall-finijiet ta' l-artikolu 79 mhuwiex dak l-allarm li jolqot ħafna nies dislokati f'aktar minn lokalità waħda. Hu biżżejjed jekk persuna jew tnejn jiġu hekk imwerwra jew imbażża' jew ikun hemm il-potenzjalità li jiġu hekk imwerwra u imbażża'.*

Il-Qorti: -

Rat iċ-ċitazzjoni li biha Paul Mifsud, John Fenech, Alfred *sive* Fredu Borg, Mario Bonavia u Gregory Brincat tressqu b'arrest nhar it-3 ta' April, 1982 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gzira ta' Malta akkużati talli nhar il-31 ta' Marzu, 1982 wara nofs inhar fl-ajruport ta' Ħal-Luqa ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, liema reati fil-fatt sar billi (a) volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu proprjetà pubblika għad-dannu tal-Gvern ta' Malta; (b) volontarjament kissru l-bwon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (ċ) heddew bil-

ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin jew wadbu l-istess kontra n-nies; (d) ħebbew kontra persuni sabiex jinġurjawhom, dejjquhom jew għamlulhom ħsara lil dawn l-istess persuni jew lil ħaddieħor; (e) għamlu lill-ħaddieħor inġurji jew theddid; (f) qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indiċenti u għamlu ġesti oxxeni jew b'kull mod ieħor offendew il-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika; (g) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur għamlu vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor; kif ukoll akkużati talli meta kienu fin-numru ta' tlieta jew aktar inġemgħu jew baqgħu flimkien għal kull ħsieb li jkun, b'mod tali u taħt ċirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'oħra, li setgħu iġibu twerwir u biża' fost in-nies fil-Gzira ta' Malta jew il-Gżejjer li jagħmlu magħha, u aktar talli meta kienu hekk miġmugħa kontra l-liġi għaddew, għal kollox jew f'parti, biex jesegwixxu l-ħsieb tagħhom ta' flimkien inkella ttantaw li jesegwuh;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-4 ta' April, 1983 kontra l-imputati John Fenech, Alfred Borg, Mario Bonavia u Gregory Brincat, li biha dawk l-attijiet ġew mibgħuta lil din il-Qorti sabiex hija, f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imsemmija imputati skond dak li hemm maħsub fl-artikolu 382(3)(d) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċiedi fuq l-akkuża ta' l-attijiet barra kull ċirkostanza oħra, taħt dak li hemm maħsub fid-disposizzjonijiet tal-liġi, f'dik in-nota imsemmija;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Ottubru, 1983 kontra l-imputat Paul Mifsud biss, li biha l-attijiet tal-kumpilazzjoni ġew mibgħuta lil din il-Qorti għall-istess skop u skond l-istess Artikolu 382(3)(d) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat il-verbal ta' l-14 ta' April, 1983 a fol. 265 tal-proċess u

tat-23 ta' Novembru, 1983 a fol. 308 ta-proċess li bihom l-imputati John Fenech, Alfred Borg, Mario Bonavia, Gregory Brincat u Paul Mifsud, rispettivament, iddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni li l-każ tagħhom jigi trattat sommarjament u deċiż minn din il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gzira ta' Malta tas-16 ta' April, 1984 li biha:

(1) Sabet lill-imputat Paul Mifsud ħati talli ħa parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, liema reat fil-fatt sar;

(2) Sabet lill-imputati John Dimech u Mario Bonavia ħatja talli, mingħajr ma darbu jew sawtu, waddbu oġġett iebes, iżda bl-iskużanti tal-provokazzjoni;

(3) Sabet lill-imputat Alfred Borg ħati talli għamel fil-pubbliku ġesti oxxeni, iżda bl-iskużanti tal-provokazzjoni;

(4) Sabet lill-imputat Gregory Brincat ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq proprjetà pubblika għad-dannu tal-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' tnejn u ħamsin lira u erbgħa u tletin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm52.34,5) skond kif jirriżulta mir-relazzjoni peritali (dok. A) - iżda anke f'dan il-każ bl-iskużanti tal-provokazzjoni;

U wara li rat fil-konfront ta' Mifsud l-artikolu 68(2)(3), 339(d), 352(bb) u 354(d) tal-Kapitolu 12, fil-konfront ta' Fenech u Bonavia l-artikoli 352(bb) u 353(1)(b), fil-konfront ta' Borg l-artikoli 352(2)(bb) u fil-konfront ta' Brincat l-artikoli 339(b),

352(bb) u 527 tal-Kodiċi Kriminali;

u wara li ħadet in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom il-fedina penali ta' l-imputati u l-fatt illi kienu ġew kollha miżmuma taħt arrest għal żmien ta' tmienja u erbgħin siegħa; illiberathom taħt il-provvediment ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957, bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor kif ser jingħad:

(a) Paul Mifsud fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza appellata;

(b) John Fenech, Alfred Borg u Mario Bonavia fi żmien sitt xhur mill-istess data;

(ċ) Gregory Brincat fi żmien tmintax il-xahar mill-istess data bil-kundanna wkoll tal-ħlas tan-nofs ta' l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-perit Ġudizzjarju lir-Reġistratur tal-Qorti fi żmien xahar u dan kollu wara li dik l-istess Onorabbli Qorti, ikkunsidrat:

Illi skond ir-rinviji ta' l-avukat ġenerali kif konfrontati mar-rapport ta' l-Ispettur Joseph M. Azzopardi (fol. 3 tal-proċess) l-imputati huma akkużati talli nhar l-Erbgħa, 31 ta' Marzu, 1982 wara nofs in-nhar fl-ajruport ta' Ħal-Luqa ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reati, liema reati fil-fatt saru; (2) meta kienu tlieta minn nies jew aktar inġemgħu u baqgħu flimkien għal kull ħsieb li jkun b'mod tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort' oħra, li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies fil-Gżira ta' Malta jew il-Gżejjer li jagħmlu magħha u talli miġmugħin kontra l-liġi għaddew għal kollox jew in parti

biex jesegwixxu l-ħsieb tagħhom ta' flimkien inkella ittantaw li jsegwuh; (3) *volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu* proprjetà pubblika għad-dannu tal-Gvern ta' Malta; (4) volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku; (5) heddew bil-ġebel jew ħwejjeġ oħra ibsin jew waddbu ġebel jew ħwejjeġ oħra ibsin kontra n-nies; (6) hebbew kontra persuni sabiex jinġurjaw, idejqu jew jagħmlu ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor; (7) għamlu lil ħaddieħor inġurji jew theddid; (8) qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indeċenti u għamlu ġesti oxxeni jew b'kull mod ieħor offendew il-morali, l-imġieba xierqa jew d-diċenza pubblika; u (9) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur għamlu vjolenza oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor;

Illi mill-provi irriżulta illi fil-31 ta' Marzu, 1982, wara nofs inhar folla ta' partitarji nazzjonalisti nġabret fl-ajruport ta' Ħal-Luqa biex tilqa' lill-Kap ta' l-Oppozizzjoni li kellu jasal minn Ruma. Waqt li kienu hekk miġburin f'diversi ambjenti ta' l-ajruport, *xi nies minn din il-folla li kienu* jinsabu pjuttost numerużi fil-'*waving balcony*' kienu involuti f'inċidenti ma xi mpjegati ta' l-ajruport u ta' l-*Air Malta*, li kienu qegħdin fuq l-*apron* fil-viċinanza ta' l-imsemmija gallerija. F'dawn l-inċidenti inkiser xi ħġieg u qasrija tal-konkos, twaddbu biċċiet minn dan il-konkos u xi ġebel miż-żewġ gruppi ta' nies lil xulxin, ġew skambjati xi insulti u anke xi kliem oxxen u dagħa. Dawn l-inċidenti damu b'kollox xi ħames jew sitt minuti u twaqqfu bl-intervent tal-pulizija u ta' xi uffiċjali ta' l-ajruport man-nies li kienu fuq l-*apron*; u bl-intervent ta' xi deputati nazzjonalisti mal-folla li kienet fil-gallerija u fit-taraġ li jagħti għar-*restaurant*. Aktarx fl-istess ħin saru *wkoll xi ħsarat oħra* fit-*toilets* u ambjenti oħrajn, kif ġie riskontrat mill-perit ġudizzjarju (Dok. A);

Illi wara illi l-ajruplan kien wasal minn Ruma u waqt li n-nies kienu ħerġin mill-ajruport inqala' inċident ieħor li fih *char-a-banc* mimlija Korejani ġiet imdawwra minn folla ta' xi tletin ruħ, li kienet tidher ostili, u xi tlieta minn dawn daħlu bil-forza ġo fiha u tneħħew jew tqattgħu xi *posters* li kienu mwaħħlin mal-ħġieġ tagħha;

Illi fil-kors ta' l-investigazzjoni, l-pulizija interrogat lill-imputati Paul Mifsud, John Fenech, Alfred Borg, Mario Bonavia u Gregory Brincat u dawna rrilaxxjaw l-istqarrijiet Dokumenti 1, 4, 5, 6 u 7 rispettivament, a fol. 35 sa 42 tal-proċess;

*Illi riferibilment għall-imputat Paul Mifsud, jirriżulta* abbondantement illi kif ammess minnu stess fl-istqarrija tiegħu (Dok.1), ħa parti attiva fl-inċidnt li fih *char-a-bac* tal-ministeru tal-Kultura li kien qiegħed iwassal grupp ta' Korejani fl-ajruport ġiet mdawra minn folla ta' nies li nzertaw ħerġin mill-ajruport wara li saret id-dimonstrazzjoni lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Xi tletin ruħ jew aktar minn dawn iċċirkondaw din ix-*char-a-banc* waqt li kienet wieqfa minħabba t-traffiku u bdew iħabbtu b'idejhom fuq il-ħġieġ u jgħajjtu li riedu jaqilgħu xi *posters* li kien hemm imwaħħlin fuq in-naħa ta' ġewwa waqt illi xi tlieta minnhom ixxabbtu mas-sellum u tlieta oħra, fosthom Mifsud daħlu ġewwa;

Fl-istqarrija tiegħu Mifsud jammetti li meta lemaħ ix-*char-a-banc* wieqfa *ma kien hemm ebda inċident; illi nies kien hemm* mhux ħażin u illi bdew jgħajjtu biex imorru jaqilgħu il-*posters* minn mal-ħġieġ; illi, fost dawk kollha li ippruvaw jidħlu, hu kien l-ewwel wieħed li mexxielu u li qala' *poster* u tefgħu ma' l-art;

F'dan il-każ la qed jiġi allegat u lanqas jirriżulta li dan l-aġir ġie b'xi mod ipprovokat minn xi ħadd;

Illi, riferibilment għall-erba' imputati l-oħra, jirriżulta illi kienu fil-gallerija ta' quddiem ir-*restaurant* ta' l-*airport*, f'liema gallerija saru l-inċidenti waqt illi l-folla miġbura hemmhekk kienet qiegħda tistenna l-ajruplan jasal minn Ruma;

L-imputat John Fenech, fl-istqarrija tiegħu riportata a fol. 39 tal-proċess (Dok. 4), kif konfrontata mad-depożizzjoni ġuramentata a fol. 277 jgħid li waqt illi kienu fil-gallerija man-nies l-oħra sema' xi erba' rġiel u żewġ nisa li kienu fir-*restaurant* jitkellmu ħażin u anke jagħmlu xi mossi oxxeni; u dawk li kien hemm isfel taħt il-gallerija bdew jagħmlu ġesti oxxeni minn isfel għal fuq u jgħajjruhom b'Fenech Adami u bil-fniek. F'dan huwa sostanzjalment ikkorroborati mix-xhieda ta' Dr. Antoine Mifsud Bonnici (fol. 280), Joseph Grima (fol. 281), Louise Massa (fol. 280) u Dennis Busuttil (fol. 288) li qal ukoll li xi jies minn dawk li kienu taħt il-gallerija bdew joħorġu partijiet privati tagħhom u bdew jissottaw b'xi affarijiet minn isfel;

Dan kollu jidher illi pprovoka rejazzjoni minn fuq li bdew jirrispondu u jirritaljaw billi jitfgħu lura dak li kien qiegħed jinxteħed. F'xi ħin waqt din il-kommossjoni inkiser il-ħġieġ tar-restaurant u ta' ħdejn it-taraġ;

F'dan l-isfond u mill-provi rakkolti jirriżulta illi dawn l-erba' imputati ħadu parti kif sejjer jingħad u ċjoè:

John Fenech qabad biċċa ġebla minn tal-qasrija u biċċa maduma u tefagħhom għal isfel;

Alfred Borg għamel ġesti oxxeni b'idejh;

Mario Bonavia intlaqat b'biċċa maduma li ntefgħet minn isfel u qabadha u tefagħha lura lejn karru li kien hemm bil-*luggage* fl-ajruport;

Gregory Brincat ċaħad fl-istqarrija tiegħu (Dok. 7 fol. 42), kif konfermata bil-ġurament (fol. 322) illi ħa parti fit-tkissir tal-ħġieġ tal-gallerija jew tar-*restaruant.* Il-verżjoni tiegħu hi illi waqt illi kien isfel ikellem lil Mark Arcidiacono 'Smajt xi twerżieq u tkissir min-naħa tal-gallerija, tlaqtu u tlajt sa nofs it-taraġ biex nara x'kien ġara .... (*omissis*) .... Mit-taraġ stajt nara li xi nies kissru l-ħġieġ kemm tar-*restaruant* kif ukoll tal-bieb li jagħti għall-gallerjija'' .... Dan l-imputat kompla jgħid illi ma kienx kompliċi ma min kisser il-ħġieġ tal-gallerjija jew tar-*restaurant,* anzi ipprova jikkalma lin-nies u jwarrabhom waqt l-inkwiet;

Brincat, però, kien identifikat minn P.C. 913 Raymond Portelli (fol. 92 u 196) u minn P.C. 998 Dominic Zammit (fol. 93 u 198) bħala li ħa parti attiva fil-ksur tal-ħġieġ tar-*restaurant.* Infatti, Portelli xehed illi f'ċertu ħin, waqt illi kien flimkien ma P.C. 998 fl-*airport restaurant,* inqala' storbju u: "rajt wieħed b'bħal zokk twil f'idu li ta daqqa fu il-ħġieġ ta' l-*airport restaurant* u din inkisret. Jiena lil dan il-bniedem ngħarfu bħala l-imputat Gregory Brincat *-omissis-.* Nista ngħid quddiem ir-*restaurant* ta' l-*airport* kien ippakkjat. Issa parti minn dawn in-nies kienu ma' l-imputat Brincat. Dawn in-nies kienu qegħdin jgħajjtu bħallikieku riedu jidħlu għal xi ħadd *-omissis-.* Jiena rajt lil dan li semmejt ikisser il-ħġieġa;

P.C. 998 Zammit qal fix-xhieda tiegħu illi waqt illi kien

fl-*airport restaurant* flimkien ma P.C. 913 Portelli: 'rajt lill-imputat li qed ngħaraf, Gregory Brincat, jagħti daqqa b'injama fuq il-ħġieġa li hemm bejn il-post tal-pubbliku u r-*restaurant* u din il-ħġieġa inkisret -*omissis*-. Nies oħra li kienu iridu jidħlu fir-*restaurant* ...... kienu xi ħamsin ruħ. Dawn in-nies kienu qegħdin iħabbtu u jagħmlu storbju'';

Mix-xhieda kollha prodotti mid-difiża, Dennis Busuttil biss huwa rilevanti f'dan il-kontest. Dan xehed illi: "Meta inkiser il-ħġieg u nqala' t-*trouble* fir-*restaurant,* jiena kont qiegħed fil-gallerija. Jiena kont qiegħed fuq in-naħa tal-lemin, inti u toħroġ fil-gallerija -*omissis*-. Qabel ma nkiser il-ħgieġ ma kien ġara xejn, ma kien hemm la tgħajjir u lanqas fastidju lil ħadd'' (fol. 288);

Kif diġa intqal, minkejja din ix-xhieda okulari kontra tiegħu, l-imputat Brincat sostan fid-deposizzjoni tiegħu dak li kien qal fl-istqarrija lill-pulizija, i.e. illi fil-ħin li nkiser dan il-ħġieġ kien għadu ma telax fil-gallerija u li kien għadu fil-*lounge* ta' isfel ikellem lil Mark Archidiacono. Dan Arcidiacono, però ma nġiebx bħala xhud u fin-nuqqas ta' korroborazzjoni ġuramentata da parti tiegħu, il-Qorti ma hijiex tal-fehma illi l-verżjoni ta' l-imputat hija attendibbli jew illi x-xhieda ta' P.C. Portelli u P.C. Zammit għanda tiġi skartata;

Jirriżulta, għaldaqastant, illi Gregory Brincat ta daqqa b'oġġett iebes fuq il-ħġieġa li tifred ir-*restaurant* mill- "*Waving gallery*" u kisirha;

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni tal-kawża d-difensuri ta' l-imputati

issottomettew '*inter alia*' illi, fil-kompless tagħhom il-provi li resqet il-prosekuzzjoni fil-konfront tagħhom ma jwasslux għal ħtija ta' l-attruppament, skond l-artikolu 68(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, peress illi ma jirriżultax l-element intenzjonali rikjest f'dan ir-reat; u lanqas għall-ħtija tar-rewwixta, skond l-artikolu 79(1)(2) u dan għar-raġuni illi ma setax jiġi kkawżat dak it-twerwir u biża' fost in-nies tal-Gżira ta' Malta peress illi kien inċident lokalizzat; u illi, fi kwalunkwe każ, l-imputati aġixxew taħt provokazzjoni;

Illi għalkemm l-imputati kollha qiegħdin jiġu akkużati, fost oħrajn *taħt l-artikoli 68(2)(3) u 79(1)(2) tal-Kapitolu 12*, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala kapi alternattivi ta' imputazzjonijiet in konnessjoni ma l-istess fatti;

Illi l-elementi tar-reat taħt l-artikolu 68(2)(3) huma (i) parti attiva f'ġemgħa (ii) ta' għaxra min-nies jew aktar (iii) miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat; waqt illi dawk tar-reat taħt l-artikolu 79(1)(2) huwa illi (i) tlieta min-nies jew aktar jinġemgħu jew jibqgħu flimkien (ii) għal kull ħsieb li jkun (iii) b'mod tali u taħt ċirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'oħra, (iv) li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies tal-Gżira ta' Malta;

Illi, għalhekk, riferibilment għar-reat ta' attruppament, huwa essenzjali illi jiġi ippruvat illi l-imputati ħadu parti attiva fil-ġemgħa bil-kliem, fl-għemil jew bil-kondotta tagħhom, fil-bidu ta' l-inċidenti jew f'xi stadju sussegwenti tagħhom, sakemm il-ġemgħa ta' għaxra jew aktar damet hekk miġbura, bil-ħsieb li jagħmlu reat;

Illi huwa dan il-ħsieb li jiġi kommess reat li jiddistingwi

l-attruppament mir-rewwixta. Il-Qrati Tagħna dejjem insistew illi: "*Non basta essere semplicemente nel numero dei radunati, che è l'elemento materiale, senza voler il fine comune cui tendono gli altri, che è l'elemento morale*" ('Il-Pulizija *vs.* G. Zahra *et*' - App. Kriminali 12/12/1925) u biex jiġi ffurmat dan il-ħsieb: "*Non si richiedono nè convenzione prestabilite, nè consensi espressi, nè ordini di gerarchia e di disciplina fra le parole della legge - ancorchè l'attruppamento non sia stato da alcuno in particolare suscitato - una riunione anche fortuita di dieci persone almeno, con lo scopo di commettere un reato, delitto o contravenzione che sia, è un attruppamento punibile*" (App. Krim. 'Pol. *vs* Clo Saliba *et*', 25/7/02 Deċiż. Vol. XVII, Part IV, p.39; 'Polizia *vs* Rocco Zammit *et*', 20/9/12' '*Polizia vs Bigeni*', 17/3/1945);

Illi l-indaġini li għandha issir f'dan il-każ għandha twassal biex jiġi stabbilit jekk, meta l-imputati ħadu dik il-parti attiva kif deskritt fuq permezz ta' "att esteru ta' approvazzjoni jew disapprovazzjoni ta' dak li jkun qiegħed isir minn dik il-folla" ('Il-Pulizija *vs* Alfredo Zerafa', Vol. XXXI, Part IV, p. 488) li kienet preżenti f'numru ta' ferm aktar minn għaxra min-nies, kinux qegħdin jaġixxu bi skop komuni li jagħmlu reat. F'dan ir-rigward il-Qrati Tagħna sostnew illi: "Inkwantu għall prova meħtieġa biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-liġi, ma tantx jidher li hemm xi norma preċiża; allura il-kwistjoni tirriduċi ruħha fl-apprezzament tal-Qorti dwar jekk il-provi tal-prosekuzzjoni jissosstanzjawx l-akkużi u d-dubju raġjonevoli jmur favur l-imputat, (Imħallef W.H. Harding: 'Pulizija *vs* Buttigieg, Vol. XLII, Pt. IV p. 1372);

Illi rriżulta abbundantement illi l-iskop li għalih l-imputati, fost numru kbir ta' partitarji nazzjonalisti, inġemgħu fl-ambjenti

pubbliċi ta' l-ajruport ta' Ħal-Luqa li kien dak li jilqgħu lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni fir-ritorn tiegħu minn Ruma - skop fih innifsu għal kollox leġittimu, tant illi f'ebda ħin il-pulizija ma ippruvat twaqqafhom milli jinġabru jew jibqgħu hekk miġburin. Dan jeskludi fil-ġemgħa il-ħsieb li jinġabru biex jikkommettu reat, għaliex fl-inċidenti li nqalgħu ma kinux maħsuba minn qabel. Il-provi juru li l-folla kienet pjuttost brijuża u li kienet qegħda hemm bi skop paċifiku. Jekk, imbagħad, il-folla u fosthom l-imputati jifformawx il-'*mens rea*' waqt l-inċident jiddependi miċ-ċirkostanzi taż-żewġ inċidenti '*de quo*';

Illi, riferibilment għall-inċident tal-'*waving balcony*', li fihom kienu implikati l-imputati Fenech, Borg, Bonavia u Brincat, hemm żewġ xhieda f'din il-kawża. Jekk, biex jiġi stabbilit kif bdew l-inċidenti, wieħed iwarrab l-istqarrijiet u d-deposizzjoni ta' l-imputati u joqgħod biss fuq ix-xhieda l-oħra, joħroġ ċar mill-kumpless tal-provi illi dawn l-inċidenti ma kinux jinqalgħu qatt għal xejn b'xejn ladarba l-ġemgħa ma nġabritx hemmhekk bi skop illegali. Għalkemm ix-xhieda li huma mpjegati ta' l-Air Malta jew ta' l-Airport u dawk illi kienu fir-*restaurant* m'aċċettawx ebda ħtija da parti tagħhom u ħadd minnhom ma jidher fost l-imputati, il-Qorti m'għandiex dubju illi kienu huma li pprovokaw l-inċident u li dik tal-gallerija kienet reazzjoni immedjata għall-provokazzjoni tagħhom. Din l-provokazzjoni tirriżulta aktar qawwija meta tiġi kommessa minn persuni li jkunu, qegħdin fuq xogħol biex jaqdu lill-pubbliku f'post pubbliku u kontra parti mill-istesss pubbliku li tkun qegħdha hemm leġittimament;

Għalhekk, anke f'dina l-ipostesi, il-prosekuzzjoni ma waslitx biex tipprova bil-grad ta' ċertezza li trid il-liġi illi, f'dak li għamlu taħt dawn iċ-ċirkostanzi, l-imputati kienu qegħdin

jaġixxu bi skop komuni li jagħmlu reat a tenur ta' l-artikolu *68(2)(3)*;

Ikkunsidrat:

Illi, dejjem riferibilment għall-inċident tal-gallerija, ir-reat ta' *rewwixta huwa pass il-quddiem minn dak ta' attruppament* fis-sens illi, għalkemm il-ġemgħa ta' tliet min-nies jew aktar tinġemgħa jew tibqa' flimkien "għal kull ħsieb li jkun", jiġifieri anke jekk mhux biex jagħmlu reat, u b'mod tali u taħt iċ-ċirkustanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'oħra, dawn iċ-ċirkustanzi kollha flimkien iridu jwasslu għall-element essenzjali l-ieħor ċjoè li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies tal-Gżira ta' Malta;

Kenny (ċitat mill-Prof. A. J. Mamo: "*Notes on Criminal Law*") hekk jiddeskrivi r-reati raggruppati taħt l-espressjoni "*tumultous assembly*": .... "*an unlawful assembly develops into a rout as soon as the assembled persons do any act toward carrying out the illigal purpose which has made the assembly unlawful .... And the rout will become a riot as soon as this illegal purpose is put into effect forcibly by men mutually intending to resist any opposition*";

Il-liġi tagħna f'dan il-każ ma ssejjaħx ir-rewwixta b'xi isem differenti, iżda żżid il-piena jekk dawn in-nies jgħaddu, għal kollox jew parti, biex jesegwixxu l-ħsieb tagħhom komuni, inkella jittantaw li jseġwuh;

Illi skond il-liġi tagħna l-assembleja ta' din ix-xorta tkun illegali jekk il-mod kif il-persuni jiltaqgħu flimkien ikunu potenzjalment kapaċi joħolqu allarm serju fost iċ-ċittadini ta' Malta;

Illi diġà ġie kkonstatat illi l-mod kif l-imputati fost il-folla, iltaqgħu u nġemgħu ma kienx wieħed suspettuż jew perikoluż; u illi, b'riferenza għaċ-ċirkustanzi fuq imsemmija, dak illi l-liġi trid timpunixxi bl-artikolu 79(1)(2) tal-Kapitolu 12 huwa l-att aggressiv illi joħloq biża' u twerwir fost il-poplu billi, anke jekk kommess minn tliet persuni biss jew aktar, jikkostitwixxi xi forma ta' resistenza attiva li kważi tammonta għal assedju jew għall-kollass ta' l-ordni u l-paċi pubblika;

Illi mill-kumpless tal-provi ma jirriżultax illi l-inċidenti vjolenti tal-gallerija setgħu jipproduċu dan l-effett, kemm għaliex (1) bdew u spiċċaw fi żmien qasir ta' bejn ħames u sitt minuti (ara: xhieda ta' P.C. 924 John Cachia - fol. 52; u ta' P.C. 922 Carmel Gatt - fol. 54) kwindi, baqgħu inċidenti kompletament lokalizzati u iżolati mill-bqija tal-popolazzjoni; u (2) għaliex fl-ebda ħin ma saret opposizzjoni jew reżistenza għall-forzi ta' l-ordni min-nies tal-gallerija inklużi fosthom l-erba' imputati (ara: xhieda ta' l-Onorevoli Dr. Antoine Mifsud Bonnici - fol. 280; u ta' l-Onorevoli Joseph Grima - fol. 281);

Illi, in vista tal-premess, ma jirriżultawx kontra l-erbgħa imputati l-estremi tar-reat komtemplat fl-artikolu 79(1)(2) in diżamina. Għalhekk l-imputati John Fenech, Alfred Borg, Mario Bonavia u Gregory Brincat jibqgħu biss responsabbli ta' dak li jirriżulta kontra kull wieħed minnhom skond il-kapi l-oħra ta' l-imputazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi riferibbilment għall-inċident tax-*char-a-banc* li fih kien implikat l-imputat Paul Mifsud u li qam ħafna wara l-inċident tal-gallerija waqt illi n-nies kienu ħerġin mill-ajruport, diġà

irriżulta *illi dak il-ħin ma kien hemm ebda inċident*, illi kien hemm aktar minn għaxra min-nies illi bdew jgħajjtu, mingħajr provokazzjoni ta' xejn, biex imorru jaqilgħu l-*posters* minn mal-ħġieġ u bdew anke iħabbtu b'idejhom fuq il-ħġieġ, illi uħud minhomm kienu qegħdin jiffollaw biex jippruvaw jidħlu bil-forza ġo l-istess *char-a-banc* u xi tlieta oħra kienu mqabbdin mas-sellum fuq in-naħa ta' wara; illi bl-ammissjoni tiegħu stess - l-imputat kien l-ewwel wieħed illi daħal u li qala' *poster* u tefagħha ma l-art;

Illi din il-parti attiva tiegħu f'dawk iċ-ċirkustanzi ta' numru u bi ħsieb dikjarat u manifestament illegali jikkostitwixxi ir-reat ta' attruppament pubbliku bl-imsemmi 68(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din l-Qorti jogħġobha tirriforma u tibdel s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lil Paul Mifsud, John Fenech, Alfred sive Fredu Borg, Mario Bonavia u Gregory Brincat ħatja kif indikat però mingħajr l-iskużanti tal-provokazzjoni kif ukoll fejn ikkundannat lil Brincat iħallas l-ispejjes peritali tirrevokaha, tħassarha u tannullaha fil-bqija, ċjoè fejn illiberathom taħt il-provvediment ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957 u wara li tisma' l-kawża mill-ġdid issibhom ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha kontrihom dedotti u tinfliġġi l-piena jew pieni skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

*Ikkunsidrat:*

Illi l-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali ser jigu ikkonsidrati wieħed wieħed fl-ordni li ingħataw:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu kif ġej:

"a. L-ewwel Onorabbli Qorti sabet l-iskużanti tal-provokazzjoni in konnessjoni ma reati li għalihom l-iskużanti tal-provokazzjoni mhix prevista jew kontemplata mil-liġi. Din l-iskużanti hi limitata għal ċerti reati - delitti jew kontravvenzjonijiet - liema reati ma jinkludux dawk kontemplati fl-artikoli 352(z)(bb) u 353(1)(b). Ċertament il-provokazzjoni tista' tittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' piena; iżda fejn il-provokazzjoni mhux kontemplata bħala skużanti fil-liġi, din ma tistax titqies bħala parti mis-sejbin ta' reità. Per eżempju, wieħed ma jistax jinstab ħati ta' serq bl-iskużanti tal-provokazzjoni, jew ta' approprijazzjoni indebita bl-iskużanti tal-provokazzjoni. Min-naħa l-oħra, l-artikolu 339, li taħtu instab ħati Gregory Brincat, jikkontempla forma ta' skużanti simili, iżda dina l-iskużanti trid tkun, fil-kliem testwali tal-liġi "minħabba provokazzjoni **inġusta**" (sottolinejar ta' l-appellant), u hu risaput li mhux kull provokazzjoni tammonta fil-liġi għall-provokazzjoni inġusta";

Illi dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu ġustifikat ħlief kif ser jingħad. Infatti għal dik li hi reità, il-provokazzjoni tidħol biss meta hi speċifikament kontemplata mil-liġi. Il-liġi tagħna ma tagħtix lok għall-iskużanti tal-provokazzjoni f'kull reat iżda tillimitaha biss għal ċerti reati. Ċertament ma tikkontemplax ir-reat tat-tfiegħ ta' oġġetti iebsa bl-iskużanti tal-provokazzjoni. *Lanqas ma tipprovdi f'każijiet fejn wieħed jagħmel ġesti oxxeni.* Tipprovdi però fl-artikolu 339 għall-iskużanti meta ċerta ħsara volontarja issir minħabba provokazzjoni inġusta;

Fil-każ in eżami meta l-Ewwel Qorti qalet li qed issib lil John Fenech u Mario Bonavia ħatja talli mingħajr ma darbu jew sawtu, waddbu oġġett iebes, iżda bl-iskużanti tal-provokazzjoni kienet qed toħloq skużanti meta b'liġi ma tipprovdix għaliha. Għalhekk l-parti rilevata fejn ġiet akkordata din l-iskużanti qed tiġi revokata;

L-istess revoka qed issir fejn l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabet lil Alfred Borg ħati talli għamel fil-pubbliku ġesti oxxeni iżda bl-iskużanti tal-provokazzjoni;

Kwantu għal Gregory Brincat, però din il-Qorti ma tħossx li għandha takkolja l-aggravju ta' l-appellant. Dana peress li għal fini tar-reat taħt l-artikolu 339 tal-Kapitolu 12, il-Kodiċi Kriminali jikkontempla l-iskużanti tal-provokazzjoni u għalkemm issemmi "provokazzjoni inġusta" mentri s-sentenza appellata titkellem biss fuq "provokazzjoni" wieħed jintendi li l-Ewwel Qorti kellha f'moħħha proprju dik il-provokazzjoni inġusta li jsemmi l-istess artikolu;

L-ewwel gravam għalhekk qed jiġi akkolt fir-rigward ta' l-imputati Fenech, Bonavia u Borg iżda qed jiġi respint fil-konfront ta' l-imputat Brincat;

Ikkunsidrat dwar it-tieni aggravju u li jikkonsisti f'li ġej:

"b. L-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza tagħha, irriteniet li l-akkużi taħt l-artikoli 68(2)(3) u 79(1)(2) għandhom jiġu kkunsidrati bħala kapi alternattivi ta' imputazzjonijiet in konnessjoni ma' l-istess fatt. Bir-rispett kollu lejn dik il-Qorti, ġaladarba dina l-alternattività ma ġietx indikata mill-esponent fin-noti ta' rinviju għall-ġudizzju li huma l-bażi ta' l-akkuża,

l-unika raġuni **għall-alternattività** ta' l-imputazzjonijiet **in konnessjoni ma l-istess fatti** tista tkun biss il-konkors formali tar-reati. Fuq l-iskorta tas-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta *vs* Vincent Debono**, Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-25/1/1983 hu evidenti li "*il medesimo fatto*" jista' jwassal kemm għar-reat ta' l-attruppament **kif ukoll** għar-reat ta' rewwixta, f'liema każ ikun japplika biss l-artikolu 19 tal-Kapitolu 12";

Illi mingħajr il-ħtieġa ta' ħafna spjegazzjonijiet anki fir-rigward ta' dan l-aggravju il-fehma ta' din il-Qorti hi li l-appellant għandu gravam validu fil-liġi. Infatti l-Avukat Ġenerali ma indikax iż-żewġ delitti msemmija bħala wieħed alternattiv għall-ieħor. Għalhekk kull ma setgħat tagħmel l-Ewwel Qorti kien li tittratahom separatament ħlief jekk hekk ikun jidhrila (u f'dal-każ ma setax isir lanqas dan) li tittratahom bħala reati assorbiti jew li jikkostitwixxu konkors formali. F'dal każ konkors formali żgur m'hemmx u assorbiment jista' talvolta jirriżulta jekk jissussistu iż-żewġ reati;

Ikkunsidrat dwar it-tielet aggravju u li jikkonsisti f'li ġej:

"ċ. L-ewwel Qorti irriteniet ukoll illi huwa "il-ħsieb li jiġi kommess reat li jiddistingwi l-attruppament mir-rewwixta". Din hi enunzjazzjoni żbaljata tal-liġi. Il-kriterju determinanti li jiddistingwi 'l-wieħed mill-ieħor hu l-potenzjalità ta' twerwir u biża' fost in-nies. Għoxrin minn nies miġbura bil-ħsieb li jwaqqfu, bil-mod l-aktar paċifiku (es. per mezz ta' "*sit down*") it-traffiku fi triq prinċipali ikunu ħatja ta' attruppament. Ikun hemm ukoll rewwixta jekk dawk l-għoxrin minn nies, in aġġunta mal-ħsieb li jikkommettu dak ir-reat, jinġemgħu ukoll taħt ċirkustanzi tali li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies;"

Illi l-importanza ta' dan l-aggravju hija biss ta' natura akkademika. Fil-fatt dak li qed jiġi sottomess hu korrett però hu ovvju li ġaladarba l-Ewwel Qorti qieset iż-żewġ akkużi bħala alternattivi ma daħlitx f'dettal u għalhekk ftit jista' jingħad li saret xi enunzjazzjoni ħażina tal-liġi. Saret biss enunzjazzjoni inkompleta li fil fatt lanqas s-sottomissjoni ta' l-appellant ma tintegra għax hemm diverġenzi oħra bejn iż-żewġ delitti li ma ssemmewx;

Ikkunsidrat dwar ir-raba' aggravju u li jikkonsisti f'li ġej:

"d. Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti irriteniet ukoll li ġaladarba il-folla fil-"*waving balcony*" kienet ġiet provokata u dak li għamlet dik il-folla "kienet rejazzjoni immedjata għall-provokazzjoni (ta' l-impjegati ta' l-ajruport)", per konsegwenza ma kienx hemm l-iskop komuni li jagħmlu reat. Bir-rispett kollu, din ukoll hi enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi. Li kieku wieħed kellu jikkonċedi, għall-grazzja ta' l-argument, li kien hemm dik il-provokazzjoni qawwija li ravvisat il-Qorti, tali provokazzjoni ma teskludix il-ħsieb komuni tal-ġemgħa ta' nies li jagħmlu reat;"

Illi fil-fehma tal-Qorti fis-sentenza appellata ma hemm ebda enunzjazzjoni skorretta tal-liġi fir-rigward tad-delitt ta' l-attruppament u dak li hemm sostnut fl-aggravju hu essenzjalment dak li sostniet l-Ewwel Qorti;

Infatti l-Ewwel Qorti bdiet biex tgħid illi:

"Il-provi juru li l-folla kienet pjuttost brijuża u li kienet hemm bi skop paċifiku. Jekk imbagħad il-folla u fosthom l-imputati jifformawx il-"*mens rea*" waqt l-inċidenti jiddependi

miċ-ċirkustanzi taż-żewġ inċidenti *de quo*";

Imbagħad l-istess Qorti wara li stabbiliet li l-folla fil-gallerija kienet ġiet provokata u provokata sew, ikkonkludiet illi:

"Għalhekk, anke f'din l-ipotesi, il-prosekuzzjoni ma wasslitx biex tipprova bil-grad ta' ċertezza li trid il-liġi illi, f'dak li għamlu taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-imputati kienu qegħdin jaġixxu bi skop komuni li jagħmlu reat a tenur ta' l-artikolu 68(2)(3)";

Jidher ċar għalhekk illi l-Ewwel Qorti ma għamlitx l-enunzjazzjoni skorretta li semma l-appellant. *Oltre* dan jingħad wkoll li fir-rigward tad-delitt ta' attruppament l-Ewwel Qorti għamlet biss apprezzament ta' provi li minnu l-appellant m'għandux dritt ta' appell *stante* li ma kienx hemm enunzjazzjonijiet żbaljati jew inkompleti tal-liġi;

Ikkunsidrat dwar il-ħames aggravju li jikkonsisti f'li ġej:-

"e. L-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata, interpretat ħażin ir-rekwiżit tal-potenzjalità tat-twerwir u biża' fost in-nies taħt l-artikolu 79. Dana l-artikolu ma jirrikjedix li t-twerwir u biża' ikunu fuq skala hekk kbira li jolqtu xi sezzjoni tal-popolazzjoni jew numru kbir ta' nies, jew li l-inċidenti li jistgħu jnisslu tali twerwir u biża' idumu għal xi ħin konsiderevoli jew li jkunu estiżi għal diversi lokalitajiet tat-territorju tal-Gżejjer ta' Malta. Fl-umli sottomissjoni ta' l-esponent, il-liġi ma tirrikjedix twerwir u biża' fost **il-poplu**, wisq anqas li din il-biża' u twerwir ikun ekwiparabbli mal-biża' u twerwir f'każ ta' assedju jew kollas ta' l-ordni u l-paċi pubblika. Qabel dana l-artikolu ġie emendat fl-1975, il-kliem in kwistjoni

kien "*terror and alarm among the king's subjects*", "twerwir u biża' fost is-sudditi tar-Re". Dana kien jindika ċar li kien biżżejjed jekk persuna waħda tkun ġiet imqegħda - jew setgħet ġiet imqegħda - f'tali twerwir u biża'. L-emenda, ta' l-1975 fit-term ingliż ma effetwat b'ebda mod dana is-sinifikat; iżda fit-test Malti l-użu ta' l-artikolu definittiv "fost in-nies ...." flok "fost nies fil-Gżira ...." setgħet tat l-impressjoni li l-leġislatur qed jitkellem f'sens kollettiv dwar il-poplu jew xi parti sostanzjali tal-popolazzjoni ta' dawn il-Gżejjer. L-esponent jissottometti li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-leġislatur li b'xi mod ibiddel is-sustanza tar-reat *de quo* jew ta' xi wieħed mill-estremi tiegħu. Il-Qrati tagħna dejjem irritjenew li biex wieħed jinterpreta l-artikolu 79, wieħed irid iħares lejn l-oriġini ta' dana id-delitt fil-liġi ingliża, u senjatament id-delitt ta' "*unlawful assembly*" (ara Il-Pulizija *vs* Alfred Buttigieg *et*, Appell Kriminali, 26 ta' Mejju, 1958). Dwar l-element ta' biża' u twerwir f'dana r-reat fil-liġi ingliża, insibu miktub:

"*The alarm must not be merely such as would frighten any foolish or timid person, but must be such as would alarm persons of reasonable firmness and courage ...... In the offence of unlawfull assembly as in all others, the law regards persons as responsible for the natural consequences of their conduct. Consequently, if people have assembled together under such circumstances as are in fact likely to cause alarm to bystanders of ordinary courage, the assembly will be an unlawful one, even though the original purpose for which it came together involved neither violence nor any other illegality. 'You must look not only to the purpose for which they meet, but also to the manner in which they come, and to the means which they are using' (Bayley, J.). Accordingly the idea of an unlawful assembly is not restricted to gatherings met together for the commission of some*

*crime (like the poachers or prize-fighters already mentioned), or for arousing seditious feelings, or for inciting to some breach of the law (such as the non-payment of rents). For, however innocent may be the object for which a meeting is convened - e.g. to support some parliamentary measure by strictly consitutional means - it will nevertheless become an unlawful assembly if the persons who take part in it act in such a way as to give firm and rational men a reasonable ground for fearing that they will commit or actively provoke some violent breach of the peace. Numbers alone, it is true, will not suffice to make an assembly unlawful; but they are a circumstance to be considered." (Kenney's Outlines of Criminal Law, Cambridge U.P., (1996), PP. 412-414*; sottolinjar ta' l-esponent). U fil-każ tar-reat għal fini ta' '*riot*' (dejjem fil liġi ingliża) hu biżżejjed jekk l-allarm jitniżżel f'persuna **waħda** "*of reasonable firmness and courage*" (ara. ***Field*** *vs. Reciever of Metropolitan Police (1907)* 2K.B. 853, 860 ara ukoll *Law Commission, Working Paper no. 82, Offences Against Public Order, H.M.S.O. 1982, p. 26 et seq.*);

Minn dana kollu jidher ċar li t-twerwir u biża' rikjesti għall-finijiet ta' l-artikolu 79 mhux dak l-allarm li jolqot ħafna nies dislokat f'aktar minn lokalità waħda. Hu biżżejjed jekk persuna jew tnejn jiġu hekk imwerwra jew imbażża' jew ikun hemm il-potenzjalità li jiġu hekk imwerwra u mbażża'. F'dana l-kuntest l-esponent jagħmel referenza għad-deposizzjonijiet segwenti: Emanuel Cini fol. 122; Joseph Meli, fol. 124; Thomas Farrugia, fol. 126 u 219; Nathalie Galea, fol. 132; Carmen Scicluna, fol. 136; Capt. Wallace Caruana, fol. 166; P.C. Raymond Portelli, fol. 196; P.S. Michael Cassar, fol. 199; Grace Mallia, fol. 223; Dr. Antoine Mifsud Bonnici, fol. 280; u Paul Borg fol. 113;

Illi f'materja bħal din wieħed irid joqgħod attent qabel ma jirrikorri għal liġijiet esterni u jagħmel analoġiji u jipprova jagħti spjegazzjonijiet lil disposizzjonijiet tal-liġi tagħna meta forsi huma ċari biżżejjed u ma jeħtieġu ebda interpretazzjoni;"

Ikkunsidrat:

Illi qabel l-emenda ta' l-1975, l-artikolu 79 fit-testa ingliż kellu: "*as are calculated to create terror and alarm among the King's subjects*" u fit-test Malti "li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost is-sudditi tar-Re". Bl-emenda ta' l-1975, it-test Ingliż ġie jaqra: "*as are calculated to create terror and alarm among persons in the Island of Malta or its Dependencies*" u t-test Malti "li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies tal-Gżira ta' Malta jew il-Gżejjer li jagħmlu magħha;"

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-kliem użat mill-leġislatur aktar milli hu intiż biex jispeċifika jekk it-twerwir ta' persuna waħda biss hix suffiċjenti jew le għal fini ta' dan ir-reat, hu kalkulat biex jindika li l-aġir ta' min jikkommetti dan ir-reat irid ikun ta' ċerta gravità, ta' ċerta serjetà u ta' ċerta allarm. Fil-fatt kull min kellu l-okkazzjoni li jinqabat f'xi ġlieda tkun xi tkun jaf li allarm dejjem hemm u mhux l-ewwel darba ġlieda tispiċċa fi proporzjonijiet ferm akbar milli wieħed jistenna. Hawnhekk qegħdin fil-kamp tad-delitti kontra l-paċi pubblika u evidentement fid-delitt tar-rewwixta l-leġislatur mhux qed jittratta dwar il-ġlieda komuni li tirrikorri kuljum daqqa f'ambjent u daqqa f'ieħor u li dejjem toħloq twerwir u biża' f'xi ħadd. Qed jitkellem fuq ir-rewwixta fl-aspett ampju tagħha kif deskritt fl-artikolu 79 u għalhekk aktar minn kunsiderazzjonijiet akkademiċi dwar jekk *subjects* jew *nies* humiex intiżi fil-plural jew fis-singular jgħodd evidentement il-grad ta' l-allarm li

raġjonevolment wieħed jistenna li dak l-aġir illegali jista' joħloq fost iċ-ċittadini tenut s'intendi kont taċ-ċirkostanzi li fiha jiġu kommessi. Mill-banda l-oħra hu korrett dak li ġie sottomess mill-appellant u ċjoè li t-twerwir u l-biża' rikjest għall-finijiet ta' l-artikolu 79 mhux dak l-allarm li jolqot, jew jista' jolqot, ħafna nies dislokat f'iktar minn lokalità waħda. Infatti fil-fehma tal-Qorti il-fatt li att jiġri biss f'post wieħed lokalizzat ma jfissirx li d-delitt in eżami ma jistax jsir u f'dan is-sens id-dictum relattiv ta' l-Ewwel Qorti ma kienx korrett. L-esperjenza tal-ħajja infatti tgħallimna li dak li jiġri f'post lokalizzat mhux bilfors jibqa' ristrett għal kemm, anzi ħafna drabi f'ħakka t'għajn jinfirex f'postijiet oħra xi kultant b'konsegwenzi proporzjonatament diżastrużi. Dak li evidentement qed jipprevjeni għalih il-leġislatur hu sempliċement dak li hemm indikat fl-artikolu 79 mingħajr il-ħtieġa ta' xi regoli ta' miżurazzjoni kwantu għal ħin, lokalità eċċettera. Jekk tenut kont ta' dak li jsir, il-mod kif isir u ċ-ċirkustanzi ta' vjolenza eċċettera tista' toħroġ konkluzzjoni waħda biss u ċjoè illi dawn kienu atti li setgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies f'pajjiżna allura hemm id-delitt tar-rewwixta. Dan id-delitt però jista' jonqos milli jissussisti għal diversi raġunijiet bl-istess proċess loġiku invers;

Fi ftit kliem qed jingħad li in parti kwantu jirrigwarda l-parti espożittiva ta' l-elementi ġuridiċi ta' dan ir-reat l-aggravju ta' l-appellant hu ġustifikat però meta imbagħad tiġi għall-fattispeċji tal-każ din il-Qorti bħall-ewwel Qorti essenzjalment ma tħossx li dak li ġara jinkwadra ruħu fil-parametri ta' l-artikolu 79. Din il-Qorti infatti hi tal-fehma li għalkemm ċertu grad ta' allarm bil-fors kien hemm anki f'min ma jibżax mix-xejn *cio nonostante* ma jidhirx li kien ta' dak il-livell li evidentement hu immirat għalih l-artikolu 79;

L-appell fil-mertu ta' l-Avukat Ġenerali għalhekk ser jiġi miċħud;

Fl-aħħarnett jiġi stabbilit li għakemm fir-rigward ta' l-iskużanti tal-provokazzjoni din il-Qorti ipprovdiet ir-revoka kif ġà ingħad *cio nonostante* ma jidhirx li hu ndikat xi tibdil fil-piena. Infatti fil-fehma tal-Qorti l-provokazzjoni li ċertament kien hemm għandha tittieħed in konsiderazzjoni, kif fil-fatt ħaditha l-Ewwel Qorti, għall-fini ta' piena;

Għal dawn il-motivi salv li tirrevoka l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata in kwantu akkordat lill-imputati Fenech, Bonavia u Borg l-iskużanti tal-provokazzjoni, tikkonferma l-kumplament kollu tas-sentenza appellata u f'das-sens tiddisponi mill-appell interpost mill-Avukat Ġenerali.